**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Frar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Pawney)**

**vs**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Josef (Joseph) Sharfid** ta' 26 sena iben Mohammed u Maria Dolores nee` Mangion, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Awwissu 1975, residenti No. 111/3, Triq id-Dejqa, Valletta. Detentur tal-karta tal-Identita` 392375(m).

Akkuzat talli:

1. fit-30 ta' Lulju, 2001 ghall-habta tas-6:00 ta' filghaxija fi Sqaq Lourdes sitwat f'San Giljan minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni KAH696 ikkommetta serq ta' basket kontenenti diversi hwejjeg fosthom ktieb tac-cheques, 'Visa Credit Card' kif ukoll 'Quick Cash Card' ilkoll mahruga mill-HSBC ghad-dannu

ta’ Theresa Micallef minn Swieqi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikoli 261(b)(g)tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq il-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni KAH696 ghad-dannu ta’ Theresa Micallef minn Swieqi, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

3. Fit-30 ta’ Lulju, 2001 ghall-habta tas-6:10 ta’ filghaxija permezz ta’ ‘Visa Credit Card’ kif ukoll ‘Quick Cash Card’ ikkommetta serq ta’ Lm600 flus kontanti mill-‘Automated Teller Machines’ tal-HSBC sitwati fi Triq San Gorg, San Giljan ghad-dannu ta’ Theresa Micallef minn Swieqi u tad-dirigenti tal-HSBC, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c)(g) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqa’ hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-ligiijiet ta’ Malta.

5. Talli fl-4 ta’ Awwissu, 2001 ghall-habta tas-6:15 ta’ filghaxija, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva tal-Belt Valletta reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

6. F’dawn il-gzejjer fit-30 ta’ Lulju, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data saq mutur tal-ghamla Suzuki 100 bin-numru tar-registrazzjoni FAG218 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija, u talli b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta’ terzi persuni bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a)(3), 18(2) tal-Kap. 65 kif ukoll tal-Art. 3(1) tal-Kap.104 tal-ligijiet ta’ Malta.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu mill-istess mutur minghajr ma kien licenzjat mill-Pulizija biex jintuza fit-triq (licenzja mhux renovata) bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a)(3), 18(2) tal-Kap.65 kif ukoll tal-Art. 3(1) tal-Kap.104 tal-ligijiet ta' Malta.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel uzu mill-istess mutur meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a)(3), 18(2) tal-Kap. 65 kif ukoll tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta.

9. U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, jigu applikati il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap 65, u li Josef sive Joseph Sharfid jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Kif ukoll sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarja.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-imputat.

**Il-Fatti**

**5.** Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintetizzati hekk:

i. Fit-30 ta' Lulju 2001, Teresa Micallef irraportat lill-Pulizija ta' San Giljan, li kienet ipparkjat il-vettura taghha f' Lourdes Lane, San Giljan, u meta irritornat

sabet il-hgiega ta' wara fuq in-naha tax-xellug imkissra, u li nsterqilha l-handbag li kellha fiha. Dan il-handbag kien fih portmoni, chequebook u credit cards. Hija kienet izzomm il-PIN number miktuba fuq karta wara l-credit cards.

ii. Fl-istess hin li kienu qed jiehdu dan ir-rapport, il-Pulizija kienu ircevew telefonata anonima li kien hemm zghazugh hdejn l-ATM tal-HSBC li hemm St. George's Road, San Giljan. Dan iz-zghazugh kellu wiccu parti mohbi b'xugaman u li kien qed jagixxi b'mod suspettuz.

iii. Il-Pulizija marret mill-ewwel fuq il-post, u ftit il-fuq minn fejn hemm l-ATM raw guvni ta' madwar 25 sena, ta' karnoggjon skura miexi fi Triq il-Qaliet. Kien qed igorr crash helmet u kien se jirkeb mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAG-218, tal-ghamla Suzuki 100. Malli ra lill-Pulizija telaq jigri, u halla l-crash helmet warajh, xugaman ahmar tal-Manchester United. Il-Pulizija grew marajh, pero irnexxielu jahrab. Pero wiehed mill-Pulizija, PC 901 Christopher Attard, irnexxielu jaghraf li dan il-guvni kien Josef Sharfid, cioe l-imputat.

iv. Il-mutur FAG-218 kien registrat fuq isem l-imputat, u l-polza tal-assigurazzjoni tieghu kienet skadiet fit-30 ta' Gunju 2001.

v. Mill-investigazzjonijiet li saru mal-HSBC branch ta' San Giljan irrizulta li minn fuq il-Visa Card ta' Therese Micallef kienet ingibdet is-somma ta' LM500, u fil-waqt li s-somma ta' LM100 ingibdet mill-current account taghha.

vi. Fl-4 t'Awwissu 2001, l-imputat irraporta l-Ghassa tal-Belt li kien nsteraqlu mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAG-218 tal-ghamla Suzuki 100. Huwa qal li hallieh ipparkjat St. Charles Street, Valletta u ma sabux.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**1.** Il-Qorti tibda biex tissolleva ex officio il-kwistjoni li ghalkemm fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, u cioe dik tal-10 ta' Gunju 2002, l-Ufficjal Prosekutur ta' dak in-nhar ezebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema' bil-procedura sommorja, jidher li bi zvista l-ezami tal-imputat sar fuq il-formola

amministrattiva li tintuza meta ma jkunx hemm tali kunsens.[1] Ghaldaqstant, l-imputat ma giex mistoqsi jekk kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstema' bil-procedura sommarja. Pero tul dawn is-snin kollha – u cioe l-fuq minn tmintax (18)-il sena, mill-atti ma jirrizultax li d-difiza xi darba oggezzjonat li din il-kawza tinstema bil-procedura sommarja, u dan il-kwistjoni qatt ma giet sollevata, lanqas fis-sottomissjonijiet orali finali.

**2.** Kieku l-imputat jew xi wiehed mid-diversi avukati tieghu (li tbiddlu tul is-snin) kellu xi oggezzjoni li tintuza din il-procedura, din il-Qorti hija perswaza li d-difiza kienet toggezzjona mal-ewwel opportunita li kien ikollha, prezubilment snin twal ilu, fil-bidu tal-proceduri. Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li dan kien sempliciment zball klerikali, u li mill-atti jirrizulta li l-imputat accetta li dawn il-proceduri kontrieh isiru bil-procedura sommarja.

**3.** Rigward il-provi, id-difiza certament ghandha ragun meta issottomettiet li l-istqarrija tal-imputat ghandha tigi skartata, stante li meta din giet rilaxxata fl-2001, l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti li s-suspettat jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju. Dan huwa konfermi ma' dak li gie ritenut minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ghaldaqstant, l-istqarrija tal-imputat qed tigi skartata.

**4.** Id-difiza issottomettiet ukoll li mill-provi prodotti ma hemm xejn li jorbot lill-imputat mas-serq li sar. Id-difiza tghid li gie mixli l-imputat, ghax instab il-mutur tieghu fil-vicinanzi tal-ATM tal-HSBC Bank in kwistjoni. Pero dan m'huwiex korrett.

**5.** Huwa vera li ma hemmx xi xhud okulari li ra lill-imputat jisraq il-handbag mill-vettura ta' Micallef u/jew jigbed il-flus mill-ATM. Pero PC 901 Christopher Attard, li kien wiehed mill-Pulizija li mar hdejn l-ATM, xehed hekk: *"Ghajjat lil din il-persuna li sa dak il-hin kellu wiccu nofsu mghotti b'dan ix-xugaman u x'hin ghajjatilha dan waqaf, hares lejja, nehha x-xugaman minn m'a wiccu u sibt li din il-persuna kien Joseph Sharfid li jien qed ngharaf gewwa l-Awla."* Fuq domanda tal-Ufficjal Prosekutur ghal liema raguni kien gharfu, PC 901 wiegeb hekk: *"Din il-persuna ga kellna xi konnessjoni mieghu fix-xoghol taghna. Jien din il-persuna ghalhekk gharaftha."*[2]

[1] Ara fol. 6 tal-process.
[2] Ara fol. 55 tal-process.

**6.** Id-difiza ma tikkontestax u del resto jirrizulta anke mill-fedina penali tieghu, li dak iz-zmien l-imputat kien qed jghix hajja raffrettarja hafna, u kien diehel u hiereg mill-habs. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' PC 901.

**7.** In oltre, il-mutur tal-imputat instab vicin hafna ta' fejn insterqet il-vettura ta' Micallef u fejn hemm l-ATM u dan fit-30 ta' Lulju 2001. Dak in-nhar il-Pulizija hadet pussess tal-mutur. L-imputat irrapporta li insteraqlu l-mutur fl-4 ta' Awwissu 2001 – cioe erbat' ijiem wara li sehh is-serq u l-mutur kien fil-pussess tal-Pulizija. F'dan ir-rapport, huwa qal li fid-29 ta' Lulju 2001 halla il-mutur ipparkjat il-Belt vicin garage ta' habib tieghu biex isewwihulu ghax ma kienx qed jahdem sew. Huwa qal li fl-4 t'Awwissu 2001 kien ghaddej mill-vicinanzi u nduna li l-mutur m'ghadux hemm. Id-difiza ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkorrabora dan ir-rapport li ghamel l-imputat.

**8.** Fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2004, is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li kienet qed issegwi lill-imputat xehdet hekk: *"Qeghda f'posizzjoni li nghid ukoll illi lid-derubat, l-imputat qieghed ihallsu tramite jien hamsin lira fix-xahar. Il-pagament s'issa saru ghal ammont ta' mitejn u hamsin, u kien dejjem regolari."*[3] Din l-Ufficjal tal-Probation ezebiet diversi korrispondenza li kien hemm bejnha u bejn il-parti offiza Therese Micallef. L-ahhar wahda hija datata 2 ta' Awwissu 2004. Din is-suggett ta' din l-ittra huwa *"Re: Josef Sharfid (Credit Cards – amount stolen Lm600)"*. F'din l-ittra jinghad hekk *"Please find enclosed the sum of Lm50 (Fifty Malta Liri) in cash. This is being sent on behalf of Mr Josef Sharfid I.D. No. 392375(M). Present balance still to be compensated amounts to Lm350"*. Din l-ittra tidher li hi iffirmata wkoll minn Therese Micallef.[4]

**9.** Il-fatt li l-imputat kien qed ihallas lil parti leza ghad-danni minnha sofferti f'dan is-serq jammonta ghal ammissjoni li hemm konnessjoni bejn dan is-serq u l-imputat – ghax li kieku ma kellu ebda interess ihallasha.

**10.** Konsegwentement, apparti ix-xhieda diretta ta' PC 901 li gharaf lill-imputat vicin l-ATM in kwistjoni, il-provi indizzjarji huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, u cioe li kien l-imputat li seraq il-handbag ta' Micallef mill-vettura taghha, u kien l-istess

[3] Ara fol. 73 tal-process.
[4] Ara fol. 77 tal-process.

imputat li uza l-credit cards ta' Micallef biex gibed l-ammont ta' LM600 permezz tal-ATM mill-kontijiet bankarji taghha.

**11.** Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**12.** In vista ta' dan, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, u cioe dik ta' ricetazzjoni, stante li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghal dawk tas-serq ikkwalifikat fl-ewwel imputazzjoni.

**13.** Minn dan isegwi li meta fl-4 ta' Awissu 2001, l-imputat irrapporta lill-Pulizija li kien insteraqlu l-mutur, huwa ddenunzja reat li kien jaf li ma sarx, ghax huwa kien uza l-mutur fis-serqa in kwistjoni fit-30 ta' Lulju 2001, u kien jaf li huwa halla l-mutur warajh, flimkien ma' affarijiet ohra, meta harab minn fuq ix-xena tar-reati, malli gew il-Pulizija. Ghalhekk il-hames imputazzjoni giet ukoll debitament ippruvata.

**14.** Mix-xhieda ta' Jose Abela, rapprezentant tal-ufficju tal-licenzji, jirrizulta li l-licenzja tas-sewqan tal-mutur ghalqet f'Gunju 2001 u sad-data li fiha xehed ma kienitx giet imhallsa.[5] Ghalhekk, meta l-imputat saq il-mutur fit-30 ta' Lulju 2001, huwa kien qieghed isuq mutur li ma kienx kopert b'licenzja, skond il-ligi.

**15.** Fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2007, jinghad li *"Xehed bil-gurament David Debono li esebixxa Dok DD"*.[6] Fl-atti hemm id-Dok DD1[7] fejn jinghad li gie ezebit minn David Debono, pero x-xhieda ta' David Debono ma hix fil-process u mill-enumerazzjoni tal-process lanqas jidher li qatt kienet giet inserita fil-process. Id-Dok DD1 huwa certifikat ta' motor insurance mahruga minn Amercian Home Assurance Company, rapprezentati minn Montaldo Insurance Agency Limited, favur "Yosef Sharfid" rigwardanti mutur tal-ghamla Suzuki 100 bin-numru ta' registrazzjoni FAG-218. Din l-assigurazzjoni skadiet fit-30 ta' Gunju 2001. Pero billi t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' David Debono ma tinsabx fil-process, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan id-dokument.

---

[5] Ara fol. 63-64 tal-process.
[6] Ara fol. 103 tal-process.
[7] A fol. 104 tal-process.

**16.** Konsegwentement, l-imputazzjoni li l-imputat saq jew uza dan il-mutur minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

**17.** Konsegwentement, is-sitta u is-seba' imputazzjoni gew debitament ippruvati inkwantu jirreferu ghar-reat li l-mutur nstaq u ntuza mill-imputat meta ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan. Pero is-sitta u t-tminn imputazzjoni ma gewx debitament ippruvati inkwantu jirreferu ghar-reat li l-mutur ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni.

**18.** Id-disa' imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, giet debitament ippruvata bis-sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**19.** Ghal fini tal-piena, il-Qorti ikkonsidrat ir-reat ta' hsara volontarja kontemplat fit-tieni imputazzjoni, huwa assorbit fir-reat aktar gravi ta' serq ikkwalifikat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni, stante li serva bhala mezz ghall-fini sabiex gie kommess l-istess reat ta' serq ikkwalifikat u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

**20.** In oltre, ghal fini ta' piena, is-seba' imputazzjoni, u cioe li l-imputat ghamel uzu mill-mutur minghajr licenzja tas-sewqan hija assorbita fis-sitt imputazzjoni li saq dan il-mutur minghajr licenzja tas-sewqan, u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

**21.** L-imputat ghandu fedina penali raffrettarja b'ghexieren ta' kundanni minn dawn il-Qrati, il-maggoranza taghhom ta' serq ikkwalifikat. Huwa inghata piena karcerarja xejn inqas minn sitta u ghoxrin (26) darba. Dan kien dovut ghal fatt li l-imputat kellu problema akuta ta' abbuz ta' sustanzi illeciti.

**22.** Pero, jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, li parti sostanzjali taghhom qattaghhom il-habs jiskonta diversi pieni ta' prigunerija effettiva, l-imputat ha decizjoni li jbiddel hajtu u jirriforma ruhu.

**23.** Fit-trattazzjoni orali, id-difiza qalet li fir-rapport verbali li sar fl-2012, l-Ufficcjal tal-Probation kien diga ikkonkluda li l-imputat kien kandidat idoneo biex jaghmel xoghol bla hlas fil-kommunita. Ghal fini ta' precizjoni, din il-Qorti tirrileva li dan mhux korrett, ghax fir-rapport tieghu tal-24 ta' Ottubru 2012, l-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana ikkonkluda l-imputat mhux idoneu sabiex jaghmel dan is-servizz, ghax il-hajja tieghu kienet wahda kaotika, u kien ghadu wkoll involut fil-hajja tal-kriminalita.[8]

**24.** Pero mir-rapport verbali tal-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech tat-12 ta' Ottubru 2020,[9] jirrizulta li ghal xi zmien l-imputat kellu kuntatt mal-Agenzija Sedqa, u kien beda wkoll programm residenzjali. L-imputat jghid ukoll li ghalkemm kien difficli, huwa waqaf ukoll jiehu l-methadone. Fil-fatt, ghalkemm l-imputat hareg mill-habs fl-2017, iz-zewg testijiet tal-urina li sarulu mill-Ufficjal tal-Probation f'Settembru 2020 rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

**25.** Ghalhekk jidher li l-imputat baqa' fit-triq it-tajba anke wara li hareg il-habs, u dan jirrizulta wkoll mill-fedina penali aggornata tieghu.

**26.** In oltre, kif diga inghad aktar il-fuq jirrizulta wkoll li l-imputat hallas tal-inqas parti mill-ammont minnu dovut lill-vittma Therese Micallef.

**27.** Fil-fatt fir-rapport verbali tieghu, l-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech ikkonkluda li *"(m)ill-informazzjoni migbura jidher li kif juru c-cirkostanzi fil-prezent, Josef Sharfid huwa idoneu ghal ordni ta' servizz fil-komunita."*

**28.** Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first*

[8] Ara fol. 129 tal-process.
[9] Ara fol. 174 – 185 tal-process.
[10] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

**29.** Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar snin ghamel l-almu tieghu biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u jaghti ammont ta' stabbilita f'hajtu. Dan urieh anki bil-fatt li wara li issa ilu tlett snin li hareg mill-habs, huwa ma regghax waqa' ghall-vizzju tad-droga, kif kien jaghmel qabel. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi. Minflok, il-Qorti se tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' servizz lill-kommunita minghajr hlas, sabiex b'hekk huwa jkun jista' jaghti kontribut lis-socjeta, u indirettament jirrepara ghan-nuqqasijiet tieghu.

**Konkluzjoni**

**30.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputat;

2. issib lill-imputat mhux hati tas-sitt imputazzjoni limitatament fejn gie mixli li saq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAG-718 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u tat-tminn imputazzjoni, u qed tilliberah minnhom.

3. wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-

Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni, u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

4. Il-Qorti tordna lir-Registratur jibghat kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tas-Servizz fil-kommunita annessa maghha lid-Direttur tal-Probation u Parole.

5. Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li servew sabiex gew kommessi r-reati li taghhom l-imputat instab hati.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**